MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 648/1989/1

**Dominic u Rienee Micallef**

**-vs-**

**Joseph Lucchese u b'digriet tal-20 ta' Ottubru 1989 ġew kjamati fil-kawża l-Kummissarju tal-Pulizija, l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Joseph Psaila, Spettur Raymond Vella Gregory u Spettur Joseph Valletta**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-5 ta' Ġunju 1989 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Billi kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta huma fil-kummerċ.

Billi l-attur silef lill-konvenut is-somma ta' erbat elef lira (Lm4,000)*'brevi manu'* fl-1989.

Billi l-konvenut ikkonsenja lill-attur diversi oġġetti allegatament bħala garanzija sakemm is-somma fuq imsemmija titħallas lura, fosthom 3 *video cassette-recorders*, kwantita' ta' lavanda tal-marka 'Quorum' u kwantita' ta' *sun tan lotion* tal-marka 'Sea & Ski', ħaġa li sussegwentement irriżulta li kienet *'frame-up'* billi dawn kienu provenjenti minn reat.

Billi appena l-konvenut ħareġ mid-dar tal-atturi, il-Pulizija għamlet *'raid'* u tfittxijiet fid-dar tal-atturi u elevat mill-pussess tagħhom, fost ħwejjeġ oħra, oġġetti ta' valur li jappartjenu leġittimament lill-atturi, liema oġġetti ġew in parti ritornati lilhom fl-24 ta' Mejju 1989 mill-Pulizija, u in parti miżmuma fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Billi minħabba dan l-aġir doluż tal-konvenut konsistenti fi *'frame-up'* mal-Pulizija, l-atturi sofrew danni kif jiġi ppruvat waqt il-kawża.

Billi *inoltre*, il-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma fuq imsemmija ta' Lm4,000 lilu mislufa *'brevi manu'*.

Jgħid l-istess konvenut għaliex, għar-raġunijiet premessi, dina l-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjarah debitur ta' l-atturi fis-somma ta' Lm4,000 kif fuq ingħad;

2. Tikkundannah iħallas lill-atturi s-somma ta' Lm4,000 fuq imsemmija;

3. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni kaġunati lill-atturi b'konsengwenza tal-aġir doluż tiegħu konsistenti fi *frame-up* mal-Pulizija fil-konfront tal-atturi u tiddikjara wkoll illi t-tliet (3) *video cassette-recorders*, il-lavanda tal-marka 'Quorum' u s-*sun tan lotion* tal-marka 'Sea & Ski' li kienu provenjenti minn reat, kienu jappartjenu lill-konvenut;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi;

5. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' Impediment tas-Safar numru 1094/89, tal-Mandat ta' Qbid nru 1095/89, tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1096/89 u tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1097/89, kontra l-konvenut, li huwa nġunt għas-subizzjoni.

Bl-imgħax mill-24 ta' Mejju 1989 fuq is-somma ta' Lm4,000, sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll bl-imgħax mid-data tas-sentenza fuq l-ammont ta' danni kif likwidati.

B'riserva ta' kull azzjoni oħra kompetenti lill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Lucchese, ppreżentata fid-9 ta' Awissu 1989, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Preliminarjament illi huwa għandu jiġi liberat mill-ġudizzju fil-konfront tal-atturi bl-ispejjeż kontrihom għar-rigward tal-ewwel żewġ talbiet *stante* li skond kif hemm premess fiċ-ċitazzjoni odjerna kien l-attur Dominic Micallef biss li għamel l-allegat self *'brevi manu'* lill-konvenut u għalhekk l-atturi flimkien ma setgħux jitolbu dikjarazzjoni ta' dan l-allegat debitu u kundanna ta' ħlas tal-allegat self fil-konfront tagħhom it-tnejn kif effettivament qed jitolbu.

2. Preliminarjament illi *stante* illi l-atturi stess qed jallegaw li sofrew danni minhabba l-allegat aġir doluż tal-konvenut konsistenti fi *'frame up'* mal-Pulizija, għandhom jiġu kjamati fil-kawża l-Kummissarju tal-Pulizija jew dawk l-Uffiċjali oħra tal-Pulizija, li skond l-atturi għamlulhom l-allegat *'frame up'*.

3. Fil-mertu l-konvenut jiċħad bl-aktar mod kategoriku illi qatt issellef xi somma ta' Lm4,000 mingħand l-attur jew l-atturi jew li ħalla xi oġġetti mal-attur jew l-attur

bħala garanzija għall-istess self jew li ħa sehem f'xi *'frame up'* mal-Pulizija fil-konfront tal-atturi u għalhekk il-kumplament tat-talbiet tagħhom għandhom f'kull każ jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi.

4. Illi f'kull każ it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress illi l-konvenut personalment ma ħa ebda oġġett tal-atturi u ma kellu l-ebda kontroll fuq l-investigazzjonijiet tal-Pulizija fil-konfront tagħhom li wasslu biex l-istess Pulizija pprelevat xi oġġetti mid-dar tal-atturi, filwaqt illi dwar dawn l-oġġetti jekk verament jappartjenu leġittimament lill-atturi dawn jiġu finalment ritornati lilhom kif *del resto* ġja' ġew ritornati uħud minnhom, filwaqt li jekk jirriżultaw li ġejjin minn serq jew minn kuntrabandu jew minn xi reat ieħor żgur ma jintitolawx lill-atturi jitolbu kumpens tagħhom lill-konvenut.

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tal-20 ta' Ottubru 1989 li permezz tiegħu ġew imsejħa fil-kawża l-Kummissarju tal-Pulizija, l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Joseph Psaila, l-Ispettur Raymond Vella Gregory u l-Ispettur Joseph Valletta.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kjamati in kawża, ppreżentata fit-13 ta' Novembru 1989, li permezz tagħha eċċepew:

1. Preliminarjament, illi ċ-ċitazzjoni odjerna hija nulla fil-konfront tal-esponenti kjamati fil-kawża *stante* li ebda ittra uffiċjali jew protest ma ġew notifikati lilhom qabel l-istess ċitazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kap. 12).

2. Illi fil-meritu jingħad illi l-eċċipjenti ma għandhom x'jaqsmu xejn u ma jafu b'xejn dwar l-allegat self u l-imsemmija oġġetti allegatament offruti bħala garanzija.

3. Illi r-*raid* in kwistjoni sar mill-eċċipjenti skond il-liġi u fil-kors normali u fil-qadi tagħhom tal-funzjonijiet u dmirijiet pubbliċi. *Del resto*, l-oġġetti elevati mid-dar tal-atturi in segwitu tal-istess *raid* ġew kollha ritornati lill-istess atturi.

4. Illi l-eċċipjenti jiċħdu kategorikament l-allegazzjoni ta' xi *frame up* jew ta' xi aġir doluż da parti tagħhom.

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 1989 id-difensur tal-imsejħa fil-kawża rrinunzja għall-ewwel eċċezzjoni tagħhom;

Rat l-atti proċesswali nkluż ir-relazzjoni maħlufa fil-5 ta' Ġunju 2002 tal-perit legali l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace, nominat permezz tad-digriet ukoll mogħti fl-20 ta' Ottubru 1989;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ġunju 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-seduta tal-lum;

Ikkunsidrat;

Il-provi ġew miġbura naturalment mill-perit legali u l-Qorti se tirrijassumi fi ftit kliem;

**Seduti**
16.02.90 Seduta li fiha xehed l-attur (ppi - v tat-*typescript*)

23.02.90 Seduta li fiha ssoktat ix-xhieda tal-attur (pp vi - ix)

05.03.90 Seduta li fiha żied jixhed l-attur (pp x - xiv)

06.04.90 Seduta li fiha kompla jixhed l-attur (pp xv- xvi)

09.05.90 Seduta li fiha l-attur kien sprovvist minn difensur (p xvii) u beda jiġi kontro-eżaminat mill-konvenut

08.06.90 Seduta li fiha kompla jixhed l-attur (pp xvii - xx) u beda jiġi kontro-eżaminat mill-konvenut

19.10.90 Seduta li fiha tkompla l-kontro-eżami tal-attur (pp xxi - xxv)

20.10.90 Seduta li fiha ssokta l-kontro-eżami (pp xxvi - xxviii)

12.11.90 Seduta li fiha l-attur kompla xehed, u ġie ulterjorment kontro-eżaminat mill-konvenut u ġie kontro-eżaminat minn Dr. M. Said għall-imsejħin fil-kawża, uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija (pp xxix - xxxii)

04.02.91 Seduta li fiha l-attur ssoktalu l-kontro-eżami minn Dr. M. Said (pp xxxiii - xxxvii)

14.02.91 Seduta li fiha l-attur kien sprovvist minn difensur (p xxxviii)

18.02.91 Seduta li fiha l-attur kompla jiġi kontro-eżaminat minn Dr. M. Said (pp xxxix - xl) u bdiet tixhed Rienee Micallef, l-attriċi (pp xl - xliii).

01 .03.91 Seduta li fiha ssoktat tixhed l-attriċi (pp xliv - xlvii)

17 .04.91 Seduta li fiha kompliet tiddeponi l-attriċi (pp xlvii - xlix) u ġiet kontro-eżaminata mill-konvenut (pp xlix- 1i).

29.04.91 Seduta li fiha l-attriċi ġiet kontro-eżaminata minn Dr. M. Said (pp lii - liii)

13.05.91 Seduta li fiha xehdet Catherine Micallef, omm l-attur ( pp liv - lix)

27 .05.91 Seduta li fiha xehdet Rita Cassar, zija tal-attriċi (pp lv - lxiv)

06.09.91 Seduta li fiha xehed Dr Tonio Azzopardi (pp lxv - lxvii) dwar fatti konnessi mal-kawża.

18.11.91 Seduta li fiha sar il-kontro-eżami ta’ Catherine Micallef (pp lxviii- lxix)

25.11.91 Seduta li fiha xehed l-imsejjaħ fil-kawża Spettur R. Vella Gregory (pp lxx - ixxiv) allura stazzjonat fis-Serious Crime Squad tas-CID li mexxa tfittxija fid-dar tal-attur.

02.12.91 Seduta li fiha ma deherx ix-xhud inġunt mill-attur (p lxxv)

06.12.91 Seduta li fiha xehed l-imsejjaħ fil-kawża Spettur Joseph Valletta, allura stazzjonat bħax-xhud preċedenti (pp lxxv- lxxxi)

09.12.91 Seduta li fiha xehed ulterjorment l-Isp. Valletta (pp lxxxii - lxxxiii)

12.02.92 Seduta li fiha xehed l-Ispettur Paul Bartolo (pp lxxxiv - lxxxv) li wkoll ħa parti fit-tfittxija.

21.02.92 Seduta li fiha x-xhud li kellu jtella’ l-attur ma deherx (p lxxxvi)

06.03.92 Seduta li fiha nġieb Fr Leonard Falzon OFM cap (p lxxxvi) li qali li dak li kien jaf kien jafu bi qrar.

18.03.92 Seduta li fiha xehed Jacob (*sive* Jimmy) Micallef (pp lxxxvii - xc) ħu l-attur.

27 .03.92 Seduta li fiha ma setax jattendi Jacob Micallef għall-kontro-eżami (xci)

27.04.92 Seduta li fiha sar il-kontro-eżami ta’ Jacob Micallef minn Dr. M. Said (pp xcii - xciv)

20.05.92 Seduta li fiha ssejjaħ jixhed il-konvenut li iżda xtaq il-preżenza tad-difensur tiegħu (p xcv)

13.07 .92 Seduta li fiha xehed il-konvenut, imsejjaħ mill-attur (pp cvi - cix)

16.10.92 Seduta li fiha ma sar xejn għax il-konvenut kellu jsib avukat ieħor (p Ac)

06. 11.92 Seduta li fiha l-konvenut għarraf li hu kien inkarika lil Dr. JM Ciappara (p Ac)

30.04.93 Seduta li fiha ma sar xejn għax id-difensur tal-konvenut kien okkupat fil-Qorti (p Aci)

23.03.94 Seduta li fiha ssokta jixhed il-konvenut (pp Aci - Aciv)

01.07.94 Seduta li fiha ma sata jsir xejn minħabba n-nuqqas ta' attendenza tad-difensur tal-attur (p Acv)

18,07.94 Seduta li fiha ma sar xejn minħabba li l-konvenut ma deherx għall-kontro-eżami (p Acv)

13.05.96 Seduta li fiha ma seta' jsir xejn minhabba nuqqas ta' attendenza tad-difensuri (p Acvi)

03.07.96 Seduta li fiha ma sar xejn għax ma ħarġitx inġunzjoni ta' xhud (p Acvii)

17.11.97 Seduta li fiha xehed l-imsejjaħ fil-kawża Joseph Psaila ( pp Acvii - Acxi)

28.01.97 Seduta li fiha ma sata jsir xejn minħabba nuqqas ta' attendenza ta' Joseph Psaila (p Acxii)

26.05.99 Seduta li għaliha dehru biss l-atturi (p Acxiii)

15.12.99 Seduta li fiha kompla jixhed Joseph Psaila (pp Acxiii -Acxiv)

18.02.00 Seduta li fiha ġie kontro-eżaminat Joseph Psaila (p a.m Acxiv)

18.02.0 Seduta li fiha ssokta l-kontro-eżami ta’ Joseph Psaila p.m (pp Acxv- Acxvi)

07.04.00 Seduta li fiha l-atturi riedu aktar żmien biex jiddikjaraw il-provi tagħhom kienux konkjużi (Acxvii)

28.05.00 Seduta li fiha ġew elenkati d-danni pretiżi (p Acxviii)

28.09.01 Seduta li fiha xehed il-Kumm. tal-Pulizija George Grech (pp Acxix -Acxxi)

25.02.02 Seduta li fiha ġie verbalizzat li l-perit kien ser jinediġi r-relazzjoni (p Acxxii)

**Dokumenti Esebiti**
Dok X: busta kontenenti pagni ta' djarju esibiti mill-attur li qal li kienu kitba ta’ martu fuq dettatura tiegħu (17-il paġna)

Dok TA: traskrrizzjoni tal-kliem fuq *tape* magħmula mill-Avukat Dr. Tonio Azzopardi u minnu konfermata bil-ġurament (seduta Peritali Nru. 18). It-*tape* hu konservat għand l-avukat u t-transkrizzjoni ġiet kontrollata mill-perit billi ndaqq it-*tape* seduta stante.

Dok JPG: sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kontra John Patrick Blake, datata 18.10.89

Dok SF: avviż datat 08.02.02 ta’ seduta finali fil-25.02.02 ċirkolat lid-difensuri u mqiegħed fl-atti mill-perit.

Relazzjoni tal-Perit Ġudizzjarju l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace:

Bil-qima jgħid:

Preliminari
1. Din il-kawża tirrigwarda *raid* li l-Pulizija għamlet fid-dar tal-atturi f’ Ta' Xbiex u l-operat ta’ *informer* tal-Pulizija fir-rigward.

2. Oriġinarjament il-kawża kienet bejn l-atturi u l-konvenut, l-*informer* imsemmi iżda mbagħad issejħu fil-kawża l-Kummissarju tal-Pulizija, l-Asst. Kumm. Joseph Psaila u l- Ispetturi Raymond Vella Gregory u Joseph Valletta. L-ewwel tnejn illum spiċċaw mill-Korp u ż-żewġ spetturi huma llum Supretendenti.

3. Fil-premessi għat-talbiet intqal hekk:-
a. L-attur silef lill-konvenut is-somma ta' Lm4,000 *'brevi manu'* f'April 1989.

b. Il-konvenut ikkonsenja lill-attur diversi oġġetti allegatament bħala garanzija sakemm is-somma fuq imsemmija titħallas lura, fosthom 3 *video cassette-recorders*, kwantita ta' lavanda tal-marka 'Quorum' u kwantita ta' *sun-tan lotion* tal-marka 'Sea & Sky', ħaġa li sussegwentement irriżulta li kienet *'frame-up'* billi dawn kienu provenjenti minn reat.

c. Appena l-konvenut ħareġ mid-dar tal-atturi, il-Pulizija għamlet *'raid'* u tfittxijiet fid-dar tal-atturi u elevat mill-pussess tagħhom, fost ħwejjeġ oħra, oġġetti taħ valur li jappartjenu leġittimament lill-atturi, liema oġġetti ġew in parti ritornati lilhom fl-24 ta' Mejju 1989 mill-Pulizlja, u in parti miżmuma fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

d. Minħabba dan l-aġir doluż tal-konvenut konsistenti fi *'frame-up'* mal-Pulizija, l-atturi sofrew danni kif jiġi ppruvat waqt il-kawża.

e. *Inoltre*, il-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma fuq imsemmija ta' Lm4,000 lilu mislufa *'brevi manu'.*

Wara dan, l-atturi għaddew biex talbu li l-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

a. Tiddikjarah debitur tal-atturi fis-somma ta' Lm4,000 kif fuq ingħad;

b. tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm4,000 fuq imsemmija;

c. tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni kaġunati lill-atturi b'konsegwenza tal-aġir doluż tiegħu konsistenti fi *frame-up* mal-Pulizija fil-konfront tal-atturi, u tiddikjara wkoll illi t-tliet (3) *video cassette-recorders*, il-lavanda tal-marka 'Quorum' u s-*sun-tan lotion* tal-marka 'Sea & Ski' li kienu provenjenti minn reat, kienu jappartjenu lill-konvenut;

d. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi;

e. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.

5. Il-kjamati fil-kawża (imsejħa b'digriet tal-20.10.89) eċċipew hekk:-

a. Preliminarjament, illi ċ-ċitazzjoni odjerna hija nulla fil-konfront tal-esponenti kjamati fil-kawża *stante* li ebda ittra uffiċjali jew protest ma ġew notifikati lilhom qabel l-istess ċitazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjom u Proċedura Ċivili (Kap. l2).

b. Illi fil-meritu jingħad illi l-eċċipjenti ma għandhom x'jaqsmu xejn u ma jafu b'xejn dwar l-allegat self u l-imsemmija oġġetti allegatament offruti bħala garanzija.

c. Illi r-raid in kwistjoni sar mill-eccipjenti skond il-liġi u fil-kors normali u fil-qadi tagħhom tal-funzjonijiet u dmirijiet pubblici. *Del resto*, l-oġġetti elevati mid-dar tal-atturi in segwitu tal-istess *raid* ġew kollha ritornati lill-istess atturi.

d. Illi l-eccipjenti jiċħdu kategorikament l-allegazzjoni ta' xi *frame up* jew ta' xi aġir doluż da parti tagħhom.

1. B'verbal fl-udjenza tal-20.11.89. Dr. M. Said għall-kjamati fil-kawża rrinunzja għall-ewwel eċċezzjoni, dik in linea preliminari.

**Provi**

7. Fl-1989 (meta seħħu l-ġrajjiet mertu tal-kawża) il-konvenut (ex-kuntistabbli) kellu spiżerija u ħanut tas-*souvenirs* f'Bugibba. wara li l-attur kien għamel miegħu

negozji żgħar (u għal dan il-għan mar l-ispiżerija), il-konvenut mar sabu d-dar tiegħu fis- 17.04.89, u talbu jisilfu Lm4,000 u dana għal bżonn familjari. Hu tkellem ma' martu u din ħassritlu. Fil-21.04.89 l-attur ċempel lill-konvenut u qallu jmur id-dar għax seta' jaqdih f'xi self ta' flus. Mar u tah Lm1,700 fil-preżenza ta' martu, iz-zija (Rita Cassar, xebba, li toqgħod mal-atturi) u Catherine Micallef, omm l-attur li kienet ġurnata għand binha.

8. L-attur talab xi garanzija lill-konvenut. Dan qallu li l-Lm4,000 li ried kien jirritornahomlu sal-15.06.89. Allura fis-27.04.89 l-attur reġa' ċempel lill-konvenut u tah Lm2,300 li kien issellef m'għand ħuh Jacob Micallef. Ma' ħuh, l-attur m'għamel ebda kitba. Fit-tieni self, kienu preżenti l-attriċi, Rita Cassar, Catherine Micallef u Jacob Micallef. Hu talab garanzija lill-konvenut u, dak il-jum stess mar raġel b'kaxxi ta "Sea & Ski" li hu tefa fil-garaxx. Fir-rigward hu esebixxa notamenti oriġinali (paġni ta' djarju) li tniżżlu *man mano* li żvolġew il-fatti. Dawn huma esibiti f'busta bħala DX.

9. Fit-02.05.89 hu mar Bugibba u ta oġġetti oħra lill-konvenut u fuqhom kien baqagħlu jieħu Lm775 (mhux parti mill-kawża).

10. Fl-04.05.89 il-konvenut ċempillu u qallu jmur Bugibba għax ried ikellmu fuq biċċa negozju kbira: semmielu lil segretarju fl-Ambaxxata Ingliżi li kien interessat f'bolol, statwi u oġġetti oħra u l-konvenut semma senserija. Eventwalment semmielu lil Mr Sean u l-oġġetti li kienu nsterqu mill-Konkattedral ta' San Ġwann. Fl-10.05.89 dan Mr Sean u l-konvenut marru f'dar l-attur (f' Ta' Xbiex). L-Ingliż qallu li kien interessat f'oġġetti tal-fidda. Ħa xi *"chokers"* u qal li kien ser jurihom lill-istaff tal-Ambaxxata Ingliża. L-għada l-Ingliż reġa' mar id-dar u beda jinsisti li jixtri l-affarijiet li l-atturi kellhom f'darhom. F'dik l-okkażjoni sew l-Ingliż kif ukoll il-konvenut xorbu ħafna. L-Ingliż ħa arloġġ tal-polka ta' missier l-attur. Kellu jmur iħallsu tiegħu l-għada u ma mar xejn. Appena telqu l-Ingliż u l-konvenut sar *raid* mill-Pulizija f'dar l-atturi.

11. Fir-rigward tan-notamenti esebiti (Dok X) l-attur qal li hu jikteb ma jafx iżda jaqra jaf.

12. Qabel dan ir-*raid*, kien sar ieħor fit-13.04.89. mill-Ispettur Paul Bartolo tas-CID, fejn staqsa għal xi *video recorders* iżda ma sab xejn. It-tieni *raid* sar fil-11.05.89. Meta l-attriċi fetħet il-bieb dehru Pulizija pajżana u oħra le, b'kollox xi 25/30 membru tal-Korp u 6/7 karozzi. Dawn kienu mmexxija mill Asst. Kumm. Joe Psaila li ħalla barra lil Rita Cassar li kellha magħha lil bint l-atturi, Ramona ta' 6 snin.

13. Psaila qal lill-attur li dan kellu xi deheb antik u oġġetti misruqa minn S. Gwann. Allura l Pulizija daħlu jfittfxu. (Fid-dar tal-attur kien hemm ommu, marida)

14. It-tfittxija, li ma tat ebda riżultat, damet xi 3 siegħat. Meta spiċċaw mar il-Police H.Q. fil-*car* tiegħu skortat mill-Pulizija. Dana xi d-9:30 p.m. u nħeles wara jumejn (is-Sibt). Psaila ta ordni lill-Pulizija biex jiġbru l-oġġetti (fidda) kollha minkejja li l-attur qallu li kellu *video* tat-tieġ li fiha kien hemm ir-rigali u rigward l-oġġetti l-oħra kellu riċevuti u seta' jagħti l-provenjenza ta' kull oġġett.

15. Ġranet wara, ra fil-ġurnali u TV l-oġġetti tiegħu għall-wirja fil-Police H.Q, b'invit lill-pubbliku biex imur jara jidentifikax xi oġġett misruq.

16. Waqt it-tfittxija saret ħsara lill-għamara minħabba l-guffaġni. Anke lit-*toys* tat-tfal. Meta eventwalment tawh l-oġġetti lura sab xi tazzi miksurin u oġġetti migrufin. Meta ttiehed taħt skorta hu tħalla jieħu l-Police H.Q. xi oġġetti prezzjużi, fosthom 10 djamanti. Meta rritornawlu l-oġġetti djamanti sab 9.

17. Il-Pulizija tawh riċevuta dwar id-deheb li ħa miegħu. Dwar l-oġġetti li ġew elevati mid-dar, tħalliet riċevuta għand l-attriċi. Il-Pulizija marru darbtejn ifittxu fid-dar meta hu kien arrestat.

18. Waqt li kien arrestat, ħaduh ukoll fid-dar ta' Rita Cassar fil-Blata l-Bajda u minn hemm elevaw oġġetti. Fosthom il-"garanzija" li kien tah il-konvenut.

19. F'Awissu 1989 Dr. Tonio Azzopardi qallu li kien mar sabu patri Kappuċċin li qal li kien mibgħut biex (b'sigriet tal-qrar) joffri lill-attur Lm4,000 u jitwaqqa' l-każ kollu. *"Jien għidtlu biex jgħid lil min bagħtu biex mal-Lm4,000 iżid il-flus tal-gold eyes ecc., kompriżi spejjeż legali u f'dal-każ inkun lest inwaqqa' kollox"*.

20. L-attur qal li hu ma kellu ebda lment kontra l-Korp tal-Pulizija bħala tah u l-kjamata fil-kawża fir-rigward ma saritx fuq talba tiegħu. Dana bla preġudizzju għad-drittijiet eventwali tiegħu.

21. Meta fl-24.05.89 l-attur mar għand il-konvenut fl-ispiżerija jitolbu flusu dan qallu *"ma nafekx Dumink"* u ċempel lis-CID. Kienu bagħtu għalih is-CID fil-Police H.Q., u s-Sur Psaila ħallih jitlaq wara li aċċerta ruħu li ma kienx hemm minaċċi da parti tal-attur lill-konvenut.

22. In kontro-eżami tal-konvenut, l-attur qal li l-*"garanzija"* li tah il-konvenut kienet tikkonsisti f'merkanzija (kaxxi tal-*lotion*, fwejjaħ żgħar u wara, *video recorders*). Hu ma qagħadx jivvaluta dawn. Dawn inġiebu għandu mill-istess raġel, f'darbtejn, bl-istess vettura. Fuq osservazzjoni li hu kien ilu jaf lill-konvenut ftit wisq biex jafdalu b'self ta' Lm4,000, l-attur qal li hu ma ssuspettax u għalhekk fdah. B'dana kollu hu ddetta notamenti lill-mara, u dana bħala drawwa, jiġifieri mhux f'dil-ħaġa biss. (Hu kien pront juri kollox, salva protezzjoni għal ċerti affarijiet privati ħafna).

23. Għalkemm hu sema' diversi kliem dwar illegalitajiet, deherlu li ma kellux jirrapporta lill-pulizija fuq sempliċi kliem.

24. Mistoqsi għala fiċ-ċitazzjoni jissemma li s-self sar lilu u lil martu, l-attur wieġeb li hu ma martu but wieħed.

25. Mistoqsi għala fiċ-ċitazzjoni tħalla barra l-ammont ta' Lm775 (para 9 *supra*) l-attur qal li ma jiftakarx għaliex.

26. Mistoqsi għala hu għamel żmien jibblaffja mal-konvenut u ma' Sean, l-attur qal li hu kellu Lm4,000 x'jitlef.

27. L-attur ċaħad li d-*diary* inkiteb wara.

28. Hawnhekk l-attur esibixxa bħala Dok TA traskrizzjoni ta' diskursata fuq *"tape"*, liema traskrizzjoni saret mill-Avukat Dr. Tonio Azzopardi, u t-*"tape"* instema' waqt is-seduta Peritali Nru. 9, kollox verbarlizzat. F'din is-seduta wkoll inġieb id-*diary* sħiħ tal-attriċi u ntwera li l-paġni maqtugħa huma dawk esibiti fid-Dok X.

29. In kontro-eżami ta' Dr. Said, l-attur tenna li meta l-konvenut talbu jisilfu Lm4,000 ma daħlulux suspetti. Tahomlu *"on a handshake basis"*, pero' quddiem in-nies (hawnhekk issir riferenza ntegrali għall-verbal ta' dan il-kontro-eżami).

30. Dwar l-arloġġ tal-polka li l-attur kien ta lill-Ingliż, l-attur qal li l-Ispetturi Vella Gregory u Valletta kienu qalulu li l-arloġġ rawh fuq l-iskrivanija tas-Sur Psaila. Eventwalment, Psaila ċaħad li l-arloġġ qatt kien għandu. Darba ra lill-Ingliż il-Qorti u dan deher beżgħan mill-attur. Hu għamel pressjoni fuqu, minħabba l-arloġġ u l-Ingliż spiċċa jgħidlu li l-arloġġ kien għand is-Sur Psaila u *"I was offered Lm500 from Mr. Psaila"*.

31. Meta fir-*raid* immexxi mis-Sur Psaila hu staqsa lil dan għalxiex kienu marru għandu l-Pulizija, l-A.C. semma s-serqa minn San Ġwann. Kien hawn li moħħu mar fil-konvenut. L-atteġġjament tiegħu mal-A.C. Psaila kien li dan seta' jfittex kemm ried.

32. Hu kien konvint li lil dak il-Kappuċċin bagħtu l-konvenut.

33. Rienee Micallef (attriċi) xehdet li soltu fil-għaxija hi tkun it-TOBY JUG (Rabat). Fis-16.04.89 daħal raġel li qatt ma kienet ratu qabel. Staqsiha kienetx il-mara ta' Duminku u wieġbet li iva. Beda jkellimha minn taħt l-ilsien u jdawwar rasu 'l hawn u 'l hinn. Qalilha li kien Joe ta' Bugibba u biex tgħid lir-raġel li kien ser jitlaqa' miegħu l-għada fil-*garage* ta' Bugibba. Impjegat qalilha li dak kien ex Pulizija. L-għada xi s-2:00 p.m., mit-tieqa tal-kċina tad-

dar rat lil dak ir-raġel u qalet lil żewġha li niżel ikellmu. Żewġha ġie lura u qalilha li dak ir-raġel kien mar jitolbu jisilfu l-flus. Hi ma ħaditx pjaċir iżda żewġha tiegħu għaddiet.

34. Fil-21.04.89 żewġha lil dak ir-ragel qallu *"ara għandek Lm1,700"* u żied li kien ser jara mnejn kien ser jiddubbalu l-bqija. Preżenti kienu omm żewġha (Catherine Micallef) u z-zija tal-attriċi (Rita Cassar). Fis-27.04.89 dak ir-raġel reġa' mar u quddiem l-istess nies (preżenti f'din id-data Jacob Micallef ukoll) żewġha għaddielu Lm2,300. Riċevuti ma tħallew qatt. Fit-tieni okkażjoni ntalbet xi garanzija mingħand *"Joe"*. Il-kunjom Lucchese saret taf bih wara. Aktar tard f'dak il-jum rat raġel ieħor iħott xi kaxxi fejn il-*garage* tagħhom.

35. F1-10.05.89 kien mar Ingliż (Sean) li qal li ried jixtri xi *silver chokers* u affarijiet bħal dawn u ħa xi kampjuni. L-għada ġie raġel b'kaxxa u qalilha li kien bagħtha Lucchese u *"imbagħad ikellem lir-ragel tiegħek hu"*. Staqsietu x'kien fiha u qalilha *"videos, jidhru".*

36. Xi s-2:00 p.m. tal-istess jum marru l-konvenut u l-Ingliż u dan qal li kien interessat fl-affarijiet personali tal-attur u qal li kellu fejn ibiegħhom. Ried jara l-arloġġi u żewġha wrieh l-arloġġ tal-polka ta' missieru. L-Ingliż ried jieħdu ħa jurih lil xi ħadd. Lucchese qal li kien jagħmel garanzija hu li l-arloġġ jiġi lura. Għaxar minuti wara li dawn telqu, ġew il-Pulizija. It-tifla għajjtet *"mummy"* minn barra. Hi ħarġet u *"rajt skwadra shieha ta' Pulizija"*,vetturi u *walkie talkie.*

37. Imbagħad tenniet dak li xehed żewġha dwar l-operat tal-Pulizja f'darhom. Dak il-jum tar-*raid*, ittieħdu biss ritratti iżda l-għada żewġ pulizija rġiel u oħra mara, ħaduha l-Police H.Q. fejn l-Ispettur Vella Gregory qalilha li kienu ser jelevaw l-oġġetti. Hi qaltlu li setgħu jatu rendikont ta' provenjenza dwar kull oġġett. Wara raw ħwejjiġhom għall-wiri fil-Police H.Q. għall-identifikażżjom bħala oġġetti maħsuba misruqa. Meta staqsiet lill-Ispettur għall-arloġġ, dan qalilha li kien għand l-A.C. Psaila.

Semmiet ukoll x'kien qalilhom Dr. Tonio Azzopardi dwar l-offerta, *tramite* patri, ta' ħlas ta' Lm4,000 u jaqa' kollox.

38. In kontro-eżami tal-konvenut hi sostniet li n-notamenti fid-*diary* tniżżlu meta kienu jseħħu l-ġrajjiet u tenniet li l-kunjom Lucchese tal-konvenut ma saritx tafu mill-bidu għalkemm tniżżel minnha fid-djarju fuq dettatura ta' żewġha. Jacob Micallef spiss imur għandhom u membri oħra tal-familja l-istess. omm żewġha tmur darbtejn fil-ġimgħa. Ikkonfermat ukoll il-preżenza tagħha waqt l-għoti tal-flus minn żewġha lill-konvenut.

39. In kontro-eżami ta' Dr M. Said qalet li meta l-konvenut mar fit-TOBY JUG hi staqsiet lil *waiter* min kien sew għax lill-klijenti bejn wieħed u ieħor tafhom kif ukoll għax hu ma kienx tal-eta' taż-żgħażagħ li jiffrekwentaw dak il-post. Barra dan l-imġieba tiegħu kienet insolita wkoll. Imbagħad tenniet l-istorja ta' dik il-lejla. Il-fatt li qalulha li dak ir-raġel kien ex pulizija ma daħħalhiex f'suspett.

40. F'Mejju kien mar-raġel u ħallielhom kaxxa bi tliet *video recorders*. Mar bil-*car* ta' Lucchese.

41. Catherine Micallef, omm l-attur qalet li fil-21.04.89 meta marret għand binha dan qalilha *"kemm ġejt data sewwa ma, għax hawn wieħed ser nisilfu l-flus, oqgħod viċina biex tagħmilli xhud".* Kienu xi l-l0:00 a.m. Xi t-3:00 p.m. ħabbat il-bieb u mar jiftaħ binha. Kienu fil-pjan terran fil-kamra tal-ikel u mal-atturi, *oltre* hi; kien hemm Rita Cassar. Binha li dak li ġie qallu *"ara Joe, għaddi Joe"*. Hi setgħet tisma' iżda mhux tara wkoll; iżda mbagħad dak Joe daħal fejn kienet hi. Barra f'din l-okkażjoni, lil dak Joe ratu darbtejn oħra fid-dar ta' binha. Fit-tielet okkażjoni kien ma wieħed jitkellem bl-Ingliż.

42. Fl-ewwel okkażjoni, mart binha tat xi ħaġa x'jixrob lil kulħadd. Hi ma llargatx min hemm *stante* dak li kien qalilha binha biex isservi ta' xhud. Allura hi rat lil binha b'pakkett flus jgħoddhom Lm1,700. Għaddhom ukoll Joe u dan qabad il-mazz u daħħlu fil-but. Meta binha talab *"garanzija"*, Joe qal li kien ser irodd il-flus sal-15 ta' Ġunju.

Joe staqsa fuq il-bqija tal-flus u binha qallu li kien jaħseb li sa ġimgħa oħra kien jaqdih.

43. Xi granet wara ċemplilha l-attur u qalilha li ħuh Jacob kien sejjer għandu bil-bqija tal-flus u xtaqha tkun għal darb'oħra xhud. Allura sabet ruħha mill-ġdid għand l-atturi. Xi s-2:30 p.m. wasal Jacob bil-flus. Qal li ħuh li kellu Lm2,300 u hi biċ-ċajt qaltlu *"għoddhom Dumink!"* Xi t-3:00 p.m. ċempel il-bieb u mill-ġdid deher Joe. F'din l-okkażjoni kienet preżenti wkoll Rita Cassar. L-attur qal lil Joe *"ara kif qdejtek"*. Il-flus għaddewhom it-tnejn u Joe qal lill-attur *"ta dal-pjaċir inpattihulek bil-kbir"*.

44. Fil- 11.05.89 reġa' ċemplilha l-attur u staqsiha *"għal għandi, ma?"* u hi aċċettat. Xi t-3:00 p.m. feġġ Joe flimkien ma Ingliż. Din id-darba ma kienetx attenta biex isservi ta' xhud. Barra dan ma tantx kienet tiflaħ u qadet bil-qiedgħa fuq sodda viċin il-kamra tal-ikel. Meta telqu rat lill-attur ħosbien u staqsietu għaliex u binha weġibha li dak l-Ingliż xejn ma kien jogħġbu. Qalilha li dak l-Ingliż interessa ruħu fl-oġġetti tad-dar tiegħu u żied *"for the money no problem"* minkejja li semmielu prezzijiet m'għola s-sema. Wara ftit hin semgħet lil Ramona (it-tifla ta' binha) tixgħer u tgħid *"hallini nidhol għax hemm il-mummy tiegħi toqgħod"*. Mart binha marret ħa tara għala dan l-għajjat da parti ta' Ramona. Mill-bieb nofsu miftuh rat ħafna Pulizija. Imbagħad irrakkontat x'ġara waqt ir-*raid*. Rat lil binha sejjer mal-Pulizija u hi bdiet tibki.

45. In kontro-eżami ta' Dr Said, Catherine Micallef qalet li hi ma staqsietx lil binha għala kien ser jislef il-flus. Hi ma titkellimx ma binha fuq negozji. Hi ma tafx binha kellux konoxxenza antika jew le tal-attur. Waqt il-kontro-eżami (Seduta Nru.19, 18.11.91) hi għarfet lill-konvenut preżenti għas-seduta. Lill-Ingliż ma ratux ħlief darba. Billi kellu wiċċu mfellel, taħseb li minħabba f'hekk jekk terġa' tarah tagħrfu! Hi f'ebda ħin m'għaddielha suspett li kienet għaddejja xi ħaġa mhux suppost. Hi għand binha tmur darba darbtejn fil-ġimgħa u ġieli tgħaddi xi tlett ijiem ukoll. Binha jaf jaqra imma mhux ta' skola *"profonda".*

46. Rita Cassar, xebba, li kellha 68 sena meta xehdet fis-27.05.91. (seduta Nru. I7), tiġi zija tal-attriċi u rabbietha hi u fil-bidu taż-żwieġ il-konjuġi Micallef kienu f'darha u meta dawn marru Ta' Xbiex li marret f'darhom, *"la nindaħlilhom u anqas jindaħluli"*. Darba, f'April tal-1999, dawn qalulha tibqa' ħdejhom għax kellu jiġi wieħed biex jisilfuh il-flus. Dan ġie xi s-2:00 p.m. / 3:00 p.m. u semgħet lill-attur isejjahlu Joe. Fis-seduta esprimiet *"qed nagħraf lill- konvenut hawn preżenti - daqskemm mhux qed jagħrafni hu, sinjur!"* Magħha kien hemm Catherine. L-attur għadd Lm1,700. L-attur talab garanzija u qal lil Joe li dik il-gimgħa stess kien jirranġalu għall-bqija tas-self. Wara l-attur staqsiha kellhiex mnejn toħroġ Lm2,300 hi u wieġbet li le, u l-attur qal li allura kien ser jgħid lil ħuh Jacob.

47. Ftit ġranet wara ( kien hemm magħhom Jacob) ġie Joe u l-attur tah Lm2,300.

48. F'okkażjoni wara ġiet minn barra sabet lil Joe ma' wieħed Ingliż. X'diskors għadda bejniethom ma tafx. Meta telaq semgħet lill-attur jgħid *"ara x'kull waħda, x'negozju!"* pero' ma fehmet xejn u moħħha kien f'Catherine għax kienet ma tiflaħx. Marret il-Gżira tixtri pilloli għal Catherine u ħadet magħha lit-tifla Ramona. Meta ġiet lura, rat moviment tal-Pulizija quddiem id-dar u ma ħallewhomx jidħlu. Fetħet il-bieb l-atriċi li għajtet mal-Pulizija *"x'jiġifieri ma tidħolx hawn, ġo darha?!"* u lit-tifla ġibditha għal ġewwa iżda lilha ħallewha barra fuq tarġa, sad 9:30 p.m. F'xi ħin ħareġ l-attur u mar bil-*car* tiegħu mal-Pulizija. Wara li għadda aktar ħin, qalulha li setgħet tidħol. Daħlet u sabet lill-pulizija jippakkjaw l-affarijiet.

1. L-Av. Dr. Tonio Azzopardi qal li l-attur kien kellmu dwar il-kreditur u billi qallu li ma kellu xejn bil-miktub, mar hu stess fil-Promenade Pharmacy f'Bugibba fejn kien hemm Lucchese u raġel li deher midħla tiegħu. Billi ma kienx jafu, staqsa għal Joe Lucchese u dan qallu *"Jien hu"*. Identifika ruħu u qallu li kien bagħtu l-attur jistaqsih meta kien ser itih lura l- Lm4,000 u Lucchese wieġbu *"ma nafux".* Ix-xhud qallu *"int żgur ma tafux?"* u t-tweġiba

kienet li ma jafux. L-avukat qallu *“mela niltaqgħu band’ oħra”*.

50. Darba kellmu Dr. Tonio Farrugia (avukat ta’ Lucchese). Qallu li kien mar saċerdot fl-uffiċċju tiegħu fuq il-każ ta’ Micallef u Lucchese li ried itih Lm4,000 li rċieva fil-qrar, biex il-każ jieqaf. Baqa’ li jgħid lix-xhud (*qua* difensur tal-attur). Allura Duminku mar ifittex lill-patri Kappuċċin (ismu kien qalulhom Dr. Farrugia) u dan mar għand Dr. Azzopardi flimkien mal-atturi. Pero’ l-flus ma kienux fuqu.

51. L-attur qallu wkoll (lil Dr. Azzopardi) li hu kien mar ma ħuh għand Lucchese u kellu *“tape recording”* tal-konverżazzjoni. Din ittraskriviha hu u hi esibita bħala Dok TA. Fiha ma kienx hemm it-theddid li dwaru Lucchese kien irrapporta lill-attur lill-Pulizija.

52. Jacob sive Jimmy Micallef, hu l-attur (illum mejjet) fis-sustanza tenna dak li qalu l-atturi, ommu u Rita Cassar, dwar l-Lm2,300 li hu ta lil huh biex itihom lill-konvenut (ara paġna lxxxvii et seq.) u kif dawn ngħaddu quddiemu. Ħuh kien semmielu mard fil-familja ta’ Lucchese. Hu qatt wara ma ra lil Lucchese ħlief fil-Qorti, u darb’oħra fl-ispiżerija ta’ Bugibba (Promenade), fejn marru xi erbat ijiem fuq li sar is-self. L-attur kellmu fuq is-self u Lucchese wieġbu *“Dumink, jien lilek ma nafikx”.* Ix-xhud kompla:-

*“F’moħħi għidt, sewwa, jindirizzah Dumink u jgħidlu li ma jafux!”*

Lucchese ċempel lill-Pulizija (semma lil Valletta) bla ma kien hemm għalfejn. Wara, ħuh qallu li kellu *“recording”* tal-konverżazzjoni.

53. In kontro-eżami ta’ Dr. Said, ix-xhud qal li lil ħuh ġieli silfu flus, minn id għal id, bla kitba. Fl-okkażjoni taħt eżami qallu preċiżament għalxiex riedhom. Hu jaqbad u jidħol għand ħuh.

54. Sar jaf li ħuh kellu, wara, *raid* u ġie arrestat u allura l-affari ħadet bixra ta' misteru. Allura meta mar l-ispiżerija ma' ħuh kien jaf li kien ser ikun xhud ta' xi ħaġa. Fl-ispiżerija kien hemm persuna oħra.

55. Il-konvenut li għandu llum 52 sena, ta x-xhieda tiegħu fuq sejħa tal-attur u hi mifruxa fuq Seduta nru. 31 u nru. 36. Fl-ewwel xhieda hu ssamma t-*"tape"* (traskrizzjoni Dok TA). Hu qal hekk dwar xogħlu, l-ispizerija Promenade, iż-żjara hemmhekk ta' Dr. T. Azzopardi u t-*"tape"*:-

*"kont kuntistabbli mit-30.1.68 sat-3.12.79. Ħriġt minn jeddi mill-Korp, irreżenjajt, għal xi ħaġa aħjar.*

*Jien negozjant. Tzertel Import Co. Ltd. jien il-'principal shareholder' tagħha. Hemm tliet azzjonisti oħra pero' jien għandi l-maġġoranza tal-ishma. Fost affarijiet oħra din is-soċjeta' għandha l-Promenade Pharmacy, ġo Islet Promenade, Bugibba.*

*Darba kien ġie f'din l-ispiżerija l-Avukat Tonio Azzopardi. Qed tindaqqli 'tape' mill-Avukat Tonio Azzopardi li qed jgħidli li t-traskrizzjoni tat-'tape' hi Dok. TA u qed niġi mistoqsi nagħraf lil xi leħen milli qed jissemmali. Jista' jkun li hemm il-lehen tiegħi. Il-leħen l-ieħor huwa tal-attur.*

*Mistoqsi l-lehen li għidt li jista' jkun tiegħi hux fil-fatt tiegħi bħalma identifikajt il-leħen ta' Domnic Micallef ngħid li l-leħen tiegħi stess qatt ma smajtu."*

56. Wara li reġa' ssemma t-*'tape'*, ikkonferma li l-konverżazzjoni kienet bejnu u bejn l-attur. Lill-attur kien sar jafu meta mar għandu fl-Ispiżerija biex jixtri post f'Wied-il-Għajn. Hu kompla:-

*"Fid-dar ta' Duminku f' Ta' Xbiex jien mort: xi darbtejn il-garage li hemm taħt id-dar u xi tlett darbiet oħra (jew tnejn) meta laqagħni fid-dar. Darba minnhom kien hemm preżenti waħda mill-anzjani li xehdu. Nahseb dik li toqgħod miegħu. Jekk narahom nindika liema waħda iżda bħala isem ma nafx."*

Dwar ir-relazzjoni tiegħu mal-A.I.C. Psaila, il-konvenut spjega hekk:-

*“Lill-Asst. Kummissarju Psaila nafu. Konna kuntistabblijiet flimkien Ħaż-Żabbar. Jista’ jkun li kont nixrob miegħu fil-Mess tal-Other Ranks. Dana meta jien kont fil-Korp. Mindu tlaqt il-Korp qatt ma xrobt miegħu, f’ebda Mess.*

*Lill-Ispettur Valletta nafu għax konna kuntistabblijiet flimkien u konna għassa fl-istess distrett, dak iż-żmien Eastern District. Mindu tlaqt mill-Korp lil dan bqajt nafu, bħala ħbieb, bħala spettur.*

*Mal-A.C. Psaila ma kellix daqstant kuntatt pero’ darba li bniedem tafu tibqa’ tafu. Bqajna nsellmu’l xulxin.*

*Lil Sean – Ingliż, anzjan jixrob ħafna, nafu. Kunjomu ma nafux, nafu biss b’ismu Sean.*

*Introducihuli l-A.C. Psaila. Dan meta konna qedgħin infittxu l-affarijiet li kienu nsterqu minn S. Ġwann.”*

57. Dwar il-kwistjoni tas-serqa minn S. Ġwann u kif jinkwadraw ruħhom f’din il-konvenut u l-A.C. Psaila u anke l-attur, il-konvenut qal dan:-

*“Il-Perit Legali qed jistaqsini kif nidħol jien fil-biċċa xogħol tas-serqa ta’ S. Ġwann. Nirrispondi li kien Duminku Micallef stess li qalli li hu kien jaf min ikkommetta s-serqa. Niċċara li qalli li kien jaf għand min kienu l-affarijiet. Duminku qalli dan metu konnu aħna t-tnejn biss fl-ispiżerija tiegħi.*

*Qed niġi mistoqsi mill-perit Legali għal liema skop l-attur qalli dan, hux biex nieħu xi passi jew sempliċi ‘gossip’. Nirrispondi li dak iż-żmien l-attur kien ġa pprova ibegħli xi affarijiet misruqa. Sa mill-ewwel darba li offrieli affarijiet misruqa jien ikkuntattjajt lill-pulizija. Offrieli minn biċċa ‘lighter’ sa djamanti. Kien iġibli l-kampjuni u jien ntihomlu lura – id-darba ta’ wara meta jerġa’ jiġi kien jiġi waħdu. Mistoqsi kemm-il darba ġie, ngħid li ħafna drabi.*

*Mistoqsi setgħux kienu għoxrin darba ngħid illi li kieku stajt nispeċifika kont nispeċifika. Għamel żmien kien jiġi kuljum fit-8:00 a.m.*

*Jien kont inkompli miegħu u ninforma lill-Ispettur Valletta. Psaila daħal fl-aħħar. L-istructure, ta' rank bejniethom ma nafx x'kienet."*

59. Il-konvenut qal hu kien *informer* tal-Ispettur Valletta mhux tal-A.C. Psaila. Dwar dax-xogħol qatt ma ħa *reward*. Dak iż-żmien xogħlu kien li jfittex 'l *caravaggio*. Kompla hekk:-

*"Domanda: int kont miftiehem ma' xi ħadd li tagħmel sinjal minn Ta' Xbiex għal mal-Police H.Q.?*

*Risposta: Iva, imma s-sinjal jien qatt ma tajtu. Il-ftehim kien mal-A.C. Psaila u l-A.C. George Grech.*

*Jien ma nafx min ta s-sinjal biex ġiet rejdjata d-dar tal-attur.*

*Jien kelli x'naqsam fuq il-Caravaggio u mhux affarijet oħra. Sean kien miegħi dakinhar. Laqqagħni miegħu s-Sur Psaila fil-Police H.Q. Naf li fuq iżda ma nafx f'liema uffiċċju. Jista' jkun fil-Conference Room. Kien preżenti George Grech. Kien hemm uffiċjali oħra, bħal Valletta u Vella Gregory. Oħrajn ma niftakarx min kienu. Is-sustanza kienet li jekk ikun hemm il-Caravaggio nagħmel is-sinjal.*

*Domanda: Tiftakar jekk Sean xorobx whisky m'għand Duminku?*

*Risposta: Xi ħaġa xorob iżda ma niftakarx iżjed minn hekk."*

60. Għaliex hu kien proprju ndika d-dar tal-atturi, il-konvenut spjega dan:-

*"Mistoqsi jekk lil Duminku semmejtlux il-Caravaggio, ngħid li Duminku semmieh lili.*

*Mistoqsi għaliex dwar l-istorja tal-Caravaggio mort fid-dar ta' Duminku ngħid li għax stedinni.*

*Domanda: X'indikazzjonijiet kellek li ser issib il-pittura tal-Caravaggio jew ħjiel dwar is-serqa għand Duminku?*

*Risposta: Għax wegħdni li kellu jkun hemm. Aħna konna qed infittxu l-Caravaggio u xi affarijiet antiki u qal li kienu ser ikunu għandu. Dan qaluli kemm-il darba: Meta ġie għandi, meta ċempilli u meta kont għandu fil-garage.*

*Domanda: Kien hemm xi ndikażżjoni li l-Caravaggio seta' jkun għandu?*

*Risposta: Kemm-il darba semmihuli u għalhekk morna għandu. Dana fuq appuntament li għamel magħna Duminku. Miegħi u ma Sean."*

61. Xehed George Grech (28.09.01) meta kien Kummissarju tal-Pulizija liema xhieda saret fuq sejħa ta' Joseph Psaila. Ix-xhud qal li kien sar Kummissarju f'Novembru 1992 (wara Alfred Calleja). F'Mejju 1989 kien A.C. inkarikat mis-Security Branch.

62. George Grech qal li Vella Gregory u Valletta kienu fi grupp żgħir dwar *"serious crimes"*. Fejn jidħol l-attur, kien sejjaħlu l-Kummissarju Grech u l-ġrajja kienet din:-

*"F'Mejju 1989 issejjaħt fl-uffiċċju tal-Kummissarju fejn sibt miegħu lil Joseph Lucchese li qabel kont nafu bħala ex PC 693. Lucchese offra nformazzjoni lill-pulizija u kien ser imur f' residenza f' Ta' Xbiex biex ikellem lil xi ħadd.*

*Il-Kummissarju qalli li billi mit-tieqa tal-uffiċċju tiegħi kelli 'full view' tat-triq ta' Ta' Xbiex xtaq jibgħat uffiċjal għandi ħa josserva minn hemm xi moviment ta' karozza. Talabni wkoll kellix xi 'taperecorder' żgħir li Lucchese ikun jista' jorbtu miegħu jew b' xi mod iżommu fuqu.*

*Għandi ġew Spettur Raymond Vella Gregory u jista' jkun l-Ispettur Joe Valletta.*

*Naf li sussegwement saret tfittxija għand Dominic Micallef fid-dar f' Ta' Xbiex. Mit-tieqa tiegħi din id-dar ma kienetx tidher.*

*Naf li elevaw xi affarijiet – u dana kif sirt naf mir-rapport tal-Ispetturi. Naf ukoll li l-oġġetti elevati ntwerew lin-nies wara avviż apposta u ttieħdu ritratti. Naf li kien hemm fost affarijiet oħra kandelabri tal-fidda, xi ħwejjeġ u oġġetti tad-deheb.*

*Meta eventwalment sirt Kummisarju (jien ma kontx segwejt il-każ) kien ġie jkellimni ċertu Stivala li qalli li l-kandelabri li kienu nstabu għand Micallef kienu tiegħu.*

*Meta jien staqsejt għal dawn il-kandelabri sirt naf li kienu fl-uffiċċju tal-Ispettur Andrew Logan.*

*Staqsejt għar-rapport biex nara fejn wasal il-kas u rriżultali minn Vella Gregory u Valletta li l-affarijiet li kienu elevaw mingħand D. Micallef (minbarra l-kandelabri) kienu ġew ritornati lil Micallef fuq ordni tal-allura Kummisarju Alfred Calleja".*

(Nota tal-Perit: il-kandelabri ġew eventwlament rilaxxati lill-atturi, wara rikors fil-Qorti – ara verbal ta' Dr. Tonio Azzopardi fi tmiem ix-xhieda tas-Sur Grech).

63. Joseph Psaila xehed li qabel saret it-tfittxija għand l-attur kien bagħat għalih il-Kummissarju Calleja u qallu li kien qed jiġi nfurmat mill-Ispettur Vella Gregory u Valletta u *informer* tagħhom li f'villa ġo Ta' Xbiex kien hemm kwantita kbira ta' oġġetti misruqa, l-iktar fided u xi oġġetti li kienu nsterqu minn ħwienet. Hawn beda l-involviment tax-xhud: -

*"Qalli biex insib persuna addattata ħalli takkumpanja lill-'informer' sabiex jiġi stabbilit f'aktar dettall fiex kienu jikkonsistu l-affarijiet misruqa.*

*Jien issuġġerejtlu żewg membri tal-Korp, bħalma jsir is-soltu u hu qalli li ma kienux addattati għal dal-każ. Dak iż-żmien kellna persuna ta' Nazzjonalita Ngliża, Sean Blake li kien qed jgħin lill-pulizija f'każijiet ta' persuni barranin li kienu qed jiċċaqilqu minn xi postijiet barra minn Malta u li l-preżenza tagħhom f'Malta ma kienetx desiderata.*

*Semmejt lill-Kummissarju dan l-Ingliż u ddeċidejna li, peress li dan l-Ingliż kien ser ikun taħt is-sorveljanza tal-'informer' u li ma kien ser jagħmel xejn ħlief jara, nużaw lilu".*

64. Dwar t-twettieq tat-tfittxija, J. Psaila spjega hekk:-

*"Fil-fatt fil-ġurnata li kellu jsir das-'search' iltqajna fl-uffiċċju tal-Asst. Kumm. George Grech, Security branch, u (jekk niftakar tajjeb) ngħataw xi 'tape recorders' mill-Asst. Kumm. Grech, jidhirli lil Lucchese li kien preżenti. Konna preżenti min kien ser jieħu parti. Hemm kien il-'meeting place'. Jekk Blake ma kienx fl-uffiċċju, kien fil-bitħa.*

*F'xi stadju qabel dan, il-Kumm. Calleja kien semmieli lill-konvenut. Lil dan kont nafu għax konna kuntistabbli flimkien. Ma jfissirx li Blake kien preżenti waqt li qed isir il-'briefing' - anzi, 'not likely' li kien hemm.*

*Lucchese u Blake intbagħtu għand l-atturi. Lil dan kont nafu bħala bniedem li kellu ħanut, mhux li kellu xi konnessjonijiet mal-pulizija. Miegħi żgur li le.*

*Jien bqajt il-H.Q.*

*Mingħalija fil-viċinanzi tal-villa ta' Micallef kien hemm xi nies tal-Korp li sarilhom sinjal minn Lucchese / Blake u dawn daħlu. Sinjal fis-sens li kien hemm l-affarijiet li semmejt.*

*Meta għarrfuna b'dan jien, mill-H.Q., mort fil-villa u ma ħallejtx lill-pulizija weħidhom.*

*Hawnhekk tiġi l-mistoqsija għala Gregory u Valletta ma ħadux parti f'dan is-'search'.*

*Meta jien u l-Kumm. Calleja konna qed nitkellmu fuq l-oġġetti msemmija l-Kummissarju ħassu mbarazzat għax kien jaf personalment lill-konjuġi Micallef. L-istess japplika għal Vella Gregory u Valletta li ppreferew li ma jeħdux parti fis-'search' iżda wara jkomplu l-investigazzjoni huma. Ma riedux li fuq 'false alarm' joħolqu 'friction' mal-konjuġi Micallef.*

*Sar is-'search' u minn hemmhekk ħadnilu l-fided, xi fwieħa u affarijiet oħra. L-ordni li kelli li nieħu kollox ħa jiġi verifikat.*

*Immedjatament li l-affarijiet inġarru l-Police H.Q (u speċjalment għax kien hemm affarijiet ta' valur) jien qabbadt spettur (ma nafx min kien, pero' la Valletta u anqas Vella Gregory) sabiex jagħmel inventarju ta' dak li nġabar u tingħata, kif soltu, riċevuta lil dak li mingħandu nkunu ġbarna l-oġġetti.*

*Jien qatt ma kelli pussess ta' xi ħaġa li ġiet elevata mingħand il-konjuġi Micallef.*

*Qed jiġi ndikat lilli xi arloġġ tal-polka. Le. Lili qatt ħadd ma tani xi arloġġ tal-polka; qatt ħadd mill-investigaturi ma kellimni dwar dan l-arloġġ, u wara li Lucchese u Blake ħarġu m'għand Micallef ħadd minn dat-tnejn ma kkonsenjali xejn.*

*Minn hemm 'il quddiem il-każ kompla jiġi nvestigat mill-Ispettur Vella Gregory u Valletta."*

65. Wara kien sabu xi ħadd li ġarrlu li hu kien identifika bħala tiegħu xi oġġetti elevati m'għand l-atturi u, b'danakollu, l-Pulizija kienu rritornaw l-oġġetti lill-atturi.

66. In kontro-ezami, is-Sur Psaila qal li Sean Blake kien bniedem li trid taqbdu fil-għodu għax mal-12:00 p.m. jibda jixrob. Pero' fir-rigward tal-atturi, dan kellu jkun kontrollat.

Hu ma kienx jaf b'xi ksur tal-liġi, preċedentement, min-naħa ta' Sean, pero' anke kieku kien jaf ma jfissirx li kien

*senz' altro* jaqtgħu barra. Hu ma nnegozja xejn, la ma' Sean Blake u anqas ma' Lucchese. Ma kienx fil-kompitu tiegħu. Hu ma kienx involut fil-formulazzjoni ta' xi akkuża kontra Blake.

67. Hu ma ħa parti f'ebda evalwazzjoni tat-tagħrif li kien qed jgħaddi Lucchese lill-pulizija. Normalment il-pulizija tikkontrolla tali informazzjoni. Ma kienx mistenni minnu *"to question what reached me through the Commissioner".* Kien ħassbu l-fatt li ħadd mill-fizzjali nvoluti ma ried jinvolvi ruħu direttament fl-operat in segwitu għall-informazzjoni pero' ma ra xejn ħażin li jesegiwixxi *'search'* kif kien struzzjonat jagħmel.

68. Dwar kliem Vella Gregory li *"fil-fatt it-treġġija tal-operazzjoni taż-żewġ searches kienet f'idejn l-A.C. Psaila,"* Joseph Psaila ossera li *"Vella Gregory konvenjentement ħalla barra dak kollu li ġara mal-Kummissarju Calleja u fl-uffiċċju tal-A.C. Grech u llimita ruħu għal dak li sar fid-dar, tal-atturi".*

69. Hu qatt ma kellu fil-pussess tiegħu oġġetti elevati. Dawn ngħaddew lill-Ispettur Paul Bartolo għal inventarju. Dwar il-fotografar tal-oġġetti elevati, *di procedura solita*.

70. Is-Sur Psaila tenna li Sur Vella Gregory kif ukoll Valletta ma riedux jiffaċċjaw lill-attur personalment, *"Kien ikun aktar opportun għal Valletta li kellu tant fidi fl-informer tiegħu li jagħmel dan ix-xogħol hu stess."*

71. Dwar riċevuti u flus li ried jurih l-attur, hu wieġeb li *"Dak il-ħin ma kienx mument li nivverifika flus u riċevuti. Dak kellu jarahom min kellu fiduċja f'dal każ. Jien ma kellix ninvestiga iżda kelli biss nagħmel is-search, ossia nkun preżenti għalih".* Hu ma kienx id-*'directing mind'* tal-każ.

72. L-Ispettur (illum Sup.) Joseph Valletta xehed hekk:

*"Safejn naf jien, Lucchese kellu jmur fuq il-post (Ta' Xbiex) u fuq sinjal tiegħu isir is-'search' fid-dar ta' Micallef. Jien kont qed nosserva bit-tromba mill-Police H.Q li għandu*

*partijiet iħarsu fuq Ta’ Xbiex, faċċata sew tagħna. Dana kellu jieqaf bil-‘car’ tiegħu u jagħti sinjal lili. Jien lil ‘car’ qatt ma rajtha u allura sinjal ma ngħatalix. Jien ngħaddi s-sinjal lis-superjuri li allura mbaglad jagħtu l-ordni għas-salt.*

*Jien kont nosserva mill-uffiċċju tal-A.C. George Grech li seta’ kien preżenti miegħi.”*

73. L-Ispettur (illum Sup) R. Vella Gregory qal li hu u Sp. Valletta, membri fis-*serious crime squad*, kienu qed jaħdmu fuq żewġ serqiet li kienu saru mill-Kon-Katedral ta’ San Ġwann. Kien hemm anke każ ta’ serq ta’ statwa antika mill-Imdina. Kompla hekk:

*“Darba ġejna mogħtija struzzjonijiet biex nagħmlu ‘searches’ - waħda Ta' Xbiex fid-dar tal-atturi u fond fil-Furjana ta’ ċertu Xuereb. Dana ġo St. Francis Street. Dawn iż-żewġ ‘searches’ saru fl-istess jum. Jiena bdejt is-‘search’ għand Micallef. Nies kelli ’l fuq minn għaxra. Fil-fatt it-treġija tal-operazzjoni taz-zewg searches kienet f’idejn l-A.C. Joseph Psaila. F’xi ħin kien hemm ukoll l-A.C. George Grech involut, pero’ mhux li ġie fuq il-post.*

*Jien kont preżenti għal parti mit-tfittxija għax waqt li kienet għadha sejra mort il-Furjana.@*

74. Minn dak li marru għalih, ma sabu xejn fid-dar tal-atturi. Fil-fatt dak misruq minn S. Ġwann instab post ieħor. Ix-xhud ikkonferma li l-ordinijiet ġew mill-A.C. Psaila. Hu kompla hekk:-

*“Qed niġi mistoqsi x’naf fuq xi arloġġ tad-deheb tal-polka.*

*Naf li b’xi mod daħal f’din l-istorja ċertu wieħed Ingliż li ismu ma nafux. Meta jien kont qed ninterroga lil Dominic Micallef dwar l-oġġetti elevati u li kienu fil-Police H.Q. dan qalli biex intuh iċ-ċans li jġibilna r-riċevuti tal-affarijiet elevati. Qalli wkoll biex intuh lura l-arloġġ li semmejt u li b’xi mod kien spiċċa f’idejn l-Ingliż.”*

75. Ix-xhieda kompliet hekk:-

*“Naf li dan l-Ingliż, ossia bniedem jitkellem bl-Ingliż u li llum jien infurmat li miet, kien f’kuntatt mal-A.C. Joseph Psaila.*

*Naf li wara xi żmien dan l-Ingliż kien jgħid li għadda l-arloġġ lil Psaila u dan kien jgħid li le.*

*Lill-Ingliż ġieli rajtu fl-uffiċċju ta’ Psaila u fil-H.Q. iżda qatt ma ġiet li kellimtu. Mhiex neskludi xi salutazzjoni.*

*Naf li dan l-Ingliż tressaq il-Qorti mill-Ispettur Bartolomeo Mula.*

*Jien ma stabbilejt qatt dan l-arloġġ għand min qiegħed.*

*Meta ġiet l-ordni biex jiġu elevati l-oġġetti li attwalment ittieħdu mid-dar ta’ Micallef, jien kont il-H.Q.*

*Meta nterrogajt lill-attur dan qalli li hu kien pront il-ħin kollu li, permezz ta’ videotape tat-tieġ tiegħu juri l-provenjenza leġittima tal-oġġetti. Pero’, meta qal hekk waqt is-‘search’ jien ma kontx preżenti.”*

76. Ix-xhieda tas-Sur Vella Gregory ntemmet hekk:-

*“Fil-bidu nett tas-search, naf li kien hemm tifla żgħira akkompanjata minn mara anzjana li riedu jidħlu għand Micallef u żammejnihom. Jidhirli li l-A.C. Psaila personalment, li kien fuq il-post, ta ordnijiet li ma jidħol u joħroġ ħadd.*

*Mrs. Micallef ġiet ukoll arrestata. Ma konniex nafu li hi tqila.*

*Ġiet arrestata l-għada tat-tfittxija u naf li kont kellimtha jien u kien dak il-ħin li lili qaltli li kienet tqila u kellha sinjali ta' korriment. Fil-fatt tlaqtha.*

*Jien ma kelli ebda ‘informer’ li wassalna għar-‘raid’ ta’ Micallef. Dwar Psaila naf bil-kuntatt mal-Ingliż li semmejt iżda kienx ‘informer’ jew le ma nistax ngħid. Lill-konvenut*

*nafu. Sirt nafu wara li kien pulizija. Sirt nafu billi kont nieħu xi te' mill-mess u kont rajtu mal-Ispettur Valletta.*

*Aħna fil-professjoni tagħna, min ikollu 'informer' iżommu għalih."*

Il-perit legali wasal għal dawn il-konklużjonijiet:

Fir-rigward tal-ewwel u t-tieni talbiet dawn huma ġustifikati;

Fir-rigward tat-tielet talba din għandha tiġi milqugħa biss fis-sens li jiġi dikjarat li l-konvenut kien responsabbli tal-aġir doluż fil-konfront tal-attur u dan wassal biex issir it-tfittxija fid-dar tal-atturi bir-riżultat li dawn sofrew danni.

Dwar ir-raba' u l-ħames talba peress illi l-oġġetti li naqsu l-perit legali ħass li mhux kompetenti jissuġġerixxi *quantum* huwa llikwida bħala danni ossija ħsara fl-għamara fl-ammont ta' Lm300.

Il-perit legali osserva wkoll illi l-attur meta xehed (seduta numru 4) qal li ma kellu ebda pretensjoni fil-konfront tal-Pulizija għaliex qal li ma kellu ebda ilment fil-konfront tagħhom bħala tali; is-sejħa fil-kawża ma saritx minnu u dan bla preġudizzju għal drittijiet eventwali tiegħu.

Il-Qorti taqbel mal-konlużjonijiet tal-perit legali illi mill-ġbir tal-provi jirriżulta ċar li l-konvenut mhux attendibbli xejn fil-verżjoni tiegħu u m'hemmx dubju li huwa ssellef l-erbat elef lira u anke li kien fuq imbekkata tiegħu li saret it-tfittxija mhux ġustifikata fid-dar tal-atturi. Minħabba f'hekk allura l-oġġetti illi huwa kien rċieva bħala rahan ġew meħuda mingħandu għaliex kienu provenjenti minn reat. Kwindi m'hemmx dubju illi huwa għandu jirrestitwixxi l-erbat elef lira bl-imgħaxijiet kif mitluba.

Fir-rigward tad-danni is-sitwazzjoni hija aktar ikkomplikata mill-*punto di vista* legali għaliex filwaqt li l-Qorti taqbel li l-atturi għandhom jiġu kompensati għall-ħsara fl-għamara billi din kienet kawża neċessarja tat-tfittxija, jekk naqsu xi oġġetti dan ġara għaliex ittieħdu minn xi membru tal-Korp

tal-Pulizija nvolut fit-tfittxija u għalhekk m'għandux jirrispondi l-konvenut. Billi l-attur stess iddikjara li huwa ma qed jitlob xejn mingħand l-imsejħa fil-kawża, anzi ddikjara li ma talabx dik is-sejħa, il-Qorti m'għandhiex għalfejn allura, tipprovdi fir-rigward.

Fl-aħħarnett il-Qorti ma tistax ma tirrilevax b'dispjaċir fuq id-dewmien li kien hemm biex din il-kawża twasslet għas-sentenza; ir-raġuni għaliex dan ġara wieħed jista' jaraha faċilment minn eżami tal-proċess.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet kollha tal-attur billi:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba;**

**2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' disat elef, tliet mija u sbatax-il Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€9,317.49 – ekwivalenti għal Lm4,000) bl-imgħaxijiet kif mitluba, u ċjoe' mill-25 ta' Mejju 1989;**

**3. Tilqa' t-tielet talba;**

**4. Tillikwida d-danni mitluba għall-ammont ta' sitt mija, tmienja u disgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81 – ekwivalenti ghal Lm300);**

**5. Tikkundanna lill-konvenut iħallas din is-somma ta' sitt mija, tmienja u disgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81) lill-atturi;**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kollha mill-konvenut Lucchese.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------